# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Silvio Magro)**

**Vs**

**Owen D'Amato**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Owen D'Amato li għandu n-numru tal-karta tal-Identita` bin-numri 195392M li permezz tagħha ġie akkuzat li:

1. Nhar it-12 ta' Jannar, 2018, ġewwa l-Ajruport Internazzjonali mingħajr il-liċenza jew il-permess tal-Kummissarju importa arma regolari imsemmija;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li barra li tgħati l-piena taħt ir-regolament 49 (2) ta` l-AL 311/2006 hekk kif emendat tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti.

Rat li matul is-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2018 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Illi matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat debitament assistit mill-Avukat Dr. Anthony Stellini, stqarr li kien inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi li jitnisslu mill-ammissjoni reġistrata minnu, fis-sens illi minħabba din l-ammissjoni il-Qorti tkun tista' tiddikjarah ħati tal-imputazzjonijiet ammessi u tgħaddi biex tagħti sentenza kontra tiegħu li tkun tista' tinkludi l-piena ta' priġunerija jew pieni oħra skont il-Liġi.

Illi wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux ser jerġa' lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, l-imputat, wara li kkonferixxa mal-Avukat Difensur, stqarr li huwa kien fehem it-twissija li tagħtu l-Qorti u ddeċieda li jtenni li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti fliet id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

***Ikkunsidrat : -***

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, imtennija minnu wara d-debita twissija, din il-Qorti ma għandhiex alternattiva

għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih skont kif intqal aktar il-fuq.

*DECIDE:*

Għaldaqstant il-Qorti fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, issib lil Owen D'Amato ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u tikkundannah għall-perjodu ta` tlett (3) xhur priġunerija.

Wara li rat l-Artikolu 28A (1) tal-Kodici Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ għajr ħlief jekk matul il-perjodu ta` sentejn millum il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta` priġunerija.

Il-Qorti fehmet lill-ħati bi kliem car u li jinftiehem ir-responsabbilita` tiegħu u l-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li huwa jikkommetti tali reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta` din is-sentenza u dan ai termini tal-Artikoli 28A (4) u 28B tal-Kodici Kriminali.

Inoltre, il-Qorti tordna l-konfiska tal-corpus delicti u apparti dan ai termini tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tipprojbixxi lill-ħati milli jkollu liċenzja li taqa' taħt il-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta` Malta għall-perjodu ta` sentejn mil-llum.

Il-Qorti rat l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-atti ta' din il-kawża flimkien ma din is-sentenza jiġu mgħoddija lill-Avukat Ġenerali skont il-Liġi.

***Moghtija illum 15 ta' Ottubru, 2018 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***